Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2184

Kaz Numru 2768/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Somchai Maklam Falzon (ID No 2008896P)

U

Gafa Saveway Limited C 15908 dwar tkeccija mill-impjieg allegata lli hi ingusta

Illum 26 ta' Novembru 2012

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors datat 26 ta' Marzu 2010 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-Avukat Dr. Aaron Mifsud Bonnici li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Somchai Maklam Falzon fejn gie mitlub li dan il-kaz jinstema mit-Tribunal u li s-socjeta intimata tigi kkundannata li thallas kumnpens.

Somchai Maklam Falzon maghruf bhala l-appellanta kienet assistit mill-Avukat Dr. Aaron Mifsud Bonnici u ghas-socjeta intimata deher l-Domnic Gafa assistit mill-Avukat Edward Gatt

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mas-socjeta intimate u precedentement mas-socjeta Euro-Hygiene Ltd u giet trasferita mas-socjeta intimata. L-esponenti sabet ruhha kostretta li titlaq mill-impjieg minhabba nuqqassijiet serji da parte tas-socjeta intimata u vittiminazzjoni motivata mill-opposizzjoni tal-principal li l-haddiema jissiehbu bhala membri tal-General Workers Union.

Is-socjeta intimata fl-istqarrija taghha qalet li kienet l-istess esponenti li telqet mix-xoghol wara li tat notice li ma kinetx ser tkompli ghax kienet sejra ma kumpanija ohra.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed l-avukat Dr. Edward Gatt li xehed bl-ingliz fejn iddikjara li l-kumpanija Gafa' Saveway Limited rebhet tender tat-tindif gewwa l-MIA u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li l-impjegati kollha tal-kumpanija precedenti kellhom jigu assunti mill-kumpanija Gafa Saveway Limited. L-esponenti kellha tibda tahdem fin-night shift pero infurmat lill-kumpanija li ma kinetx tiflah u meta ntbghat it-tabib ma sabhiex id-dar. Ukoll jiftaker illi l-involviment tal-Union kien minimu.

Xehed Charles Agius li huwa s-segretarju Marittimu u Avjazzjoni fil-General Workers Union fejn xehed is-segwenti. Qal li Mrs Falzon giet trasferita minn kumpanija ohra ghal dik prezenti wara li ntrebah tender tat-tindief gewwa l-MIA u kien hemm xi problemi ma xi supervisors u l-principal il-gdid ma riedx li l-impjegati l-godda jidhlu fil-Union. Ix-xhud ighid li kien jaf li ghall-ewwel gurnata r-rikorrenti xoghol irraportat sick. Ix-xhud ma jafx jekk kienet id-dar meta gie t-tabib u ma sabhiex.

Xehed Eddie Falzon ir-ragel tar-rikorrenti fejn qal li gie kkuntatjat mill-principal il-gdid tal-mara fejn infurmah li qieghed jikkreja problemi ghax hajjar l-impjegati jidhlu fil-Union u kien hemm diversi battibekki. Xehed li l-mara tieghu jigifieri r-rikorrenti tbati minn ITP li hija marda fid-demm li ma thaliehiex tiflah ghall-istrapazz. Xehed li darba rcevew telefonata d-dar fejn Mrs Falzon giet mitluba tidhol ghax-xoghol l-ghada u l-istess Mrs Falzon infurmat din il-persna li hija sick. Giet ordnata li l-ghada kellha tidhol xoghol. Meta rat din l-attitudini irrizenjat mix-xoghol. Il-principal hedded lill-Mrs Falzon u l-istess principal kellu attidudini hazina mal-haddiema.

Xehedet Ms Falzon fejn qalet li xogholha kien li tnaddaf it-toilets. Darba fost ohrajn gie jghajjat maghha is-sur Gafa pero hi kienet ghajjiena ghax gahndha problemi b'darha. Giet mhedda li jekk ma titlaqx mill-Union jibhhata l-Mellieha tahdem. Kienet xi gimghatejn bis-sick u cemplulha sabiex tmux ix-xoghol halli tiffirma xi karta u ma

iffirmatx karti u giet ordnata li tmur ghax xoghol l-ghada u ma marritx. Wara dan l-incident Mrs Falzon iddeciet li titlaq mix-xoghol. Telqet ghax Gafa jghajjat mal-haddiema. L-ewwel gurnata irraportat sick u baqghat sick sakemm telqet. Mill-kontro-ezmi irrizulta li marret tahdem mal-Emirates ukoll bhala cleaner wara li telqet minn ma Gafa Saveway Ltd.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jara stamba kif ir-rikorrenti mal-ewwel gurnata irraportat sick, ma marritx ghax-xoghol ghal gimghatejn u ezatt kif spiccat minn ma Gafa' Saveway Limited marret tahdem mal-Emirates taghmel l-istess xoghol. It-Tribunal qieghed isibha difficili jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti. Huwa minnu li l-intimat seta' kien agressiv pero din mhiex gustifikazzjoni li ma tirraportax ghax-xoghol. It-Tribunal qieghed ukoll isibha difficili jemmen lir-rikorrenti li ghal gimghatejn kienet tirraporta sick u minn sick bidet tahdem ma principal iehor. It-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ma ridietx tahdem is-shift ta' bil-lejl u harget fuq sick leave sakemm sabet xoghol x'imkien iehor. Il-fatt li qatt ma marret ghax-xoghol mal-principal gdid thalli hafna dubbji fuq il-verzjoni tal-fatti tar-rikorrenti. It-Tribunal mhux ser jidhol fuq l-allegazzjoni jekk kien hemm xi tentattiv sabiex jkecci l-haddiema li dahlu fil-Union ghax fl-ewwel lok hadd ma tkecca minn kien fil-Union kif ukoll ma jidhirx li kien xi azzjoni industrijali da parte tal-Union.

It-Tribunal pero ma jistax ma jikkundannax l-attitudini ftit tqila tal-principal pero zgur li mhiex skuzanti l-attitudini tar-rikorrenti.

It-Tribunal ghalhekk ma ghandux dubbju li s-socjeta intimata kella ragun meta qalet li kienet ir-rikorrenti li irrizenjat.

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrenti billi jiddikjara illi r-rizenja taghha ma kienet wahda motivata b'nuqqassijiet serji da parte tas-socjeta intimata.

Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi billi jiċħad dan l-appell bl-ispejjes kontra tiegħu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Għall-finijiet ta' L-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin euros u sbatax il-ċentezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat) Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Għas-Segretarju